Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 21 ta' Frar 2001.

Avviz Nru: 759/00

Borg Transportation Limited

Vs

Sovereign Hotels Limited

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma kumplessivata' seba' mija u seba' Liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm707.25c), rapprezentanti in kwantu ghal sitt mija u disghin Liri Maltin (Lm690) il-prezz u in kwantu ghal sbatax –il lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm17.25c) spejjez ta' trasport, ta' tank tal-metal ghall-hazna tad-diesel mibjugh u kkonsenjat lilhom fuq inkarigu taghhom stess u kkonsenjat lilhom fil-lukanda Crown Hotel li tinsab f'Bugibba, liema somma baqghu ma hallasux minkejja li kienu nterpellati jaghmlu dan diversi drabi.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' konvenuta, inkluz dawk ta' l-ittra legali tat-13 ta' Ottubru 1999, li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni, u bl-imghax kummercjali mid-data ta' l-invoice datata 25 ta' Jannar 1999 sad-data tal-pagament effettiv.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn ecceppew:-

(1) Illi l-ammont mitlub mhux dovut mis-socjeta' eccipjenti u dan ghar-ragunijiet segwenti:-

(a) fl-ewwel lok, minhabba illi l-konsenja tat-tank

konsenjat mis-socjeta’ attrici kienet parti minn negozju iehor skond liema s-socjeta’ attrici kellha tikkonsenja l-istess tank eskluzivament a spejjez taghha, u di fatti qatt ma gie miftiehem prezz tal-istess tank;

(b) sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess is-somma mitluba bhala prezz tat-tank in kwistjoni hija eccessiva.

(2) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi ghas-seduta tal-lum iffissati senjatament ghall-provi kollha tal-atturi, la l-atturi u lanqas id-difensur taghhom ma dehru. Ghaldaqstant fuq talba tad-difensur tal-konvenuti, il-Qorti qieghda tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju a tenur tal-artikolu 199 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg